MINUTI

# Laqgħatal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 36/2021-8

It-Tlieta, 31 t'Awwissu 2021

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ għamel din il-laqgħa fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq il-Knisja.

PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-SinjuraSandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)):

Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI b'mod virtwali:

Is-Sna. Odette Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

Minuti

Il-laqgħa nbdiet fil-5.15 ta' filgħaxija b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

| | |
|---|---|
| **36.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 36.1.1 | Inqraw l-ittri t'apoloġiji tal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Baskal Saliba. |
| **36.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 36.2.1 | Il-minuti tal-laqgħa Nru 35/2021, ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija. |
| 36.2.2 | Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm minn dawn il-minuti u talab għall-approvazzjoni. Kulħadd kien favur li dawn il-minuti jiġu approvati. |
| **36.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 36.3.1 | Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba rringrazzja lil kull min ta sehmu biex tittella' l-attivita' Lejl ta' Lwien. Żied jgħid illi kien hemm konkorrenza tajba u x-xogħol ta' ħruq ta' nar ħareġ kif mistenni. Kompla jgħid illi jħossu pero' iddispjaċut għal ostakli u rapporti li saru lil pulizija speċjalment waqt it-tindif ta' l-egħlieqi fil-15 t'Awwissu sabiex jitneħħa l-perikolu waqt il-ħruq tan-nar. Is-Sindku żied jgħid li jħossu diżapuntat li l-Kumitat ta' l-Armar ma ramawx il-pavaljuni. Il-Kunsillier Daniel Cordina jidispjaċih ta' kif aġixxew u ddispjaċut b'dan l-aġir. Kompla jgħid li ma għadx baqa' imħabba lejn il-festa pero' il-flus saru importanti. |
| 36.3.2 | Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba ssuġerixxa sabiex tintalab laqgħa mal-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd għad-*dog friendly beach.* Il-Kunsillier Daniel Cordina żied jgħid li hu favur li jgħumu l-klieb pero' riċentiment kelb għamel għal tifel u kien ser jqgħreq. Is- |

Sindku ssuġġerixxa li ssir talba li taħt il-Qbajjar Promenade ssir *dog friendly beach.* Il-membri qablu.

36.3.3 Rigward l-inawgurazzjoni taz-Zebbug Playing Field, is-Sindku talab sabiex jiġi miftiehem mal-PA meta għandu jsir dan.

36.3.4 Is-Sindku informa lil preżenti illi s-sejħa għal *Council Assistant* ser tagħlaq nhar il-5 ta' Settembru 2021 u bħalissa qed japplikaw dawk il-persuni li isimhom jidher fuq il-lista' tal-Jobsplus.

36.3.5 Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi hemm bżonn issir biċċa konkos fi Sqaq fi Triq Għajn Mhelhel taħt il-bankina. Il-membri qablu

36.3.6 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba informa lil membri illi hemm bżonn jitnaddaf il-*water culvert* ta' Triq Għajn Mhelhel qabel ma tagħmel ix-xita. Il-membri qablu.

36.3.7 Is-Sindku ssuġerixxa illi titnaddaf b'gaffa it-triq li tieħdok għal Villa Fiorita mit-terrapien mormi llegalment. Il-membri qablu.

36.3.8 Is-Sindku informa lil membri illi Skema 2021-2022 ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita' 'Steward' għat-trattament xieraq ta' l-annimali, it-talba tal-Kunsill ġiet milqugħa u għalhekk id-Dipartiment informa lil Kunsill sabiex joħroġ is-sejħa.

36.3.9 Is-Sindku nforma lil membri illi l-ħajt fi Triq Frank Debono inbena mis-sid wara l-ittra bil-qorti li nbgħatet lis-sid mill-Kunsill.

36.3.10 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri sabiex isir survey mill-Perit tal-Kunsill fuq il-Batterija tal-Qbajjar peress li Din l-Art Ħelwa talbu għal dan. Il-membri qablu.

36.3.11 Rigward SPI/SCI/3/2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita' u Mobilita, is-Sindku nforma lil membri li ngħatajna €28,220 sabiex tinxtara mini van għal kommunita'.

36.3.12 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jsir *double yellow line* quddiem il-bank li hemm fuq il-bankina fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri. Il-membri qablu.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

*Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:*

36.4.1.1 Il-Kunsillier Cordina rringrazzja lis-Sindku għal ħidma siewja tiegħu għal *festival* tan-nar li ġie mtella' nhar il-21 t'Awwissu. Rringrazzja wkoll lis-Seg. Eżekuttiva u lil Kumitat tan-nar li lkoll kienu parti f'din il-ħidma. Kompla jgħid li jiddispjaċih fuq ir-rapporti li saru minn nies li weġethom żaqqhom u li ma għandhomx imħabba lejn ir-raħal. Ħeġġeġ lis-Sindku sabiex jagħmel kuraġġ avolja qed isib l-intoppi. Kompla jgħid li jħossu ddispjaċut li f'din il-leġislatura għalkemm iħoss li hawn għaqda kien hemm Kunsillier/a li infurma lil xi resident li l-proposta m'għaddietx għax Kunsilliera Nazzjonalista' ma qablux meta dan mhux minnu.

36.4.1.2 Il-Kunsillier Cordina ressaq ir-ringrazzjament ta' resident lil Kunsill peress li l-Kunsill għamel aċċess ta' rampa fuq il-bankina fi Triq Santa Marija.

36.4.1.3 Is-Sur Cordina informa lil membri illi l-winċ tas-sajjieda fil-Menqa għadu mhux jaħdem għax inqata' l-ħabel xi erbgħa ġimgħat ilu. Informa lil membri li l-Ministeru għal Għawdex bgħat Enġineer sabiex jiċċertifikah. Issuġerixxa sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex u l-Maritime Authority sabiex dan il-winċ jibda' jiffunzjona malajr kemm jista' jkun.

36.4.1.4 Il-Kunsillier Cordina ressaq ilment illi l-globu tal-fanal ta' quddiem il-Horizon Restaurant waqa' u talab sabiex jitranġa. Il-membri qablu.

36.4.1.5 Il-Kunsillier Cordina talab sabiex isir ir-*repainting* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq iż-Żebbuġ.

*Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:*

36.4.2.1 Il-Kunsilliera Grech talbet sabiex terġa tintbgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex rigward l-asfaltar ta' Triq il-Qbajjar.

36.4.2.2 Issuġġeriet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex għal *platform* ta' l-injam fil-Bajja ta' Għar Qawqla għal aktar aċċessibilita' speċjalment għal persuni b'diżabilita'. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment.

36.4.2.3 Talbet sabiex jitnaddaf is-sellum tal-port ta' Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv għandha titkellem ma tal-*beaches* f'dan ir-rigward.

36.4.3.4 Il-Kunsilliera Grech ressqet ilment f'isem resident sabiex jitneħħa ħajt fejn binja li ilha tinbena' snin sabiex dan ir-resident ikun jista' juża l-garaxx. Il-Kunsillier Cordina offra li jkellem lil sid il-binja f'dan ir-rigward.

36.4.3.5 Il-Kunsilliera Sandra Grech talbet sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jiżdiedu l-bankijiet fi Triq il-Port.

36.4.3.6 Il-Kunsilliera Grech talbet sabiex isir il-patching neċessarju fi Triq il-Qbajjar sakemm tiġi asfaltata mill-Ministeru għal Għawdex.

36.4.3.7 Talbet sabiex jinqata' l-ħaxix minn Triq il-Forn.

36.4.3.8 Il-Kunsilliera Sandra Grech issuġeriet wara diversi lmenti li rċeviet sabiex il-*floodlights* li twaħħlu riċentament fi Triq il-Wied jiġu mdawra b'ċertu mod biex ma jdejqux ir-residenti u waħda minnhom titneħħa. Il-membri qablu.

36.4.4.9 Issuġġeriet sabiex issir talba lis-Supretendent tal-Pulizija biex tinbidel il-bandiera mqatta' li hemm fuq l-għassa ta' Marsalforn. Il-Kunsillier Cordina propona li ssir talba ukoll lis-Supt. Tal-Pulizija sabiex il-Kunsill jiġi mogħti kamra fl-għassa fuq sabiex jintuża bħala uffiċċju tal-Kunsill f'Marsalforn.

## 36.5 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

36.5.1 Emejl mibgħuta minn resident fi Triq is-Salini fejn talab li jsir *water culvert* fil-parti ta' ġewwa tat-triq peress li qed jidħol l-ilma fil-flett tiegħu. Il-membri ma qablux peress li dik il-parti hemm xi biċċa privata.

36.5.2 Il-Gozo Aqua Sports applikaw għal un/loading bay fejn il-binja tagħhom. Il-membri ma qablux peress li din il-kaxxa tista' tikkawża xi inċident.

36.5.3 Residenta minn Triq is-Sajjieda fejn talbet għal metru *double yellow line* mal-gnub tal-garaxx tagħha. Il-membri qablu.

36.5.4 Emejl minn Transport Malta fejn taw l-awtorizazzjoni lil Kunsilli Lokali li jistgħu jagħmlu sinjali ta' parkeġġi bojod, sinjali mal-ġnub tal-garaxxijiet u sinjali sofor mal-kantunieri tat-toroq mingħajr il-ħtieġa li tintalab l-awtorizazzjoni tagħhom.

36.5.5 Resident minn Triq il-Kanun fejn talab għal *double yellow line* ma għalqa faċċata tal-garaxx tiegħu sabiex ikun jista' jidħol u joħroġ mill-garaxx bla problemi. Il-membri qablu.

36.5.6 Resident qed jitlob sabiex issir *pedestrian crossing* x'imkien fi Triq Santa Marija għax perikoluża biex jaqsmu. Jitlob ukoll sabiex il-bankina ta' Triq Manuel Magro qabel ma taqbad Triq Santa Marija titranġa peress li hija għolja. Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta għal *pedestrian crossing* u ssir applikazzjoni għad DPF sabiex jitranġaw il-bankini kemm ta' Triq Manuel Magro u anke Triq il-Qolla.

36.5.7 Inġabru 3 kwotazzjonijiet għal żewġ *gym equipments* oħra sabiex jiżdiedu fiż-Żebbuġ Playing Field peress li għad hemm il-wisgħa. Il-membri għażlu l-irħas offerta.

36.5.8 WIFI4EU. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li hi u s-Sindku ltaqgħu mal-kumpanija li ser tieħu ħsieb twaħħal dan l-apparat. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li isir WIFI fi Pjazza l-Assunta, Playing Field tal-Virtut u Zebbug Playing Field. Il-membri qablu.

36.5.9 Emejl minn resident fi Triq Ħal Sagħtrija fejn talab li jsiru *safety barriers.* Il-membri talbu sabiex jiġi indikat il-post fejn qed jitlob li jsiru.

36.5.10 *On the Road Exhibition*, esebizzjoni mnedija mill-Kultura. Il-membri qablu li din issir u bħala data intgħażlet għas-Sajf li ġej.

36.5.11 Emejl mill-Kuntrattur tal-madum taż-Żebbug Playing Field fejn informa lil Kunsill illi sabiex jiġi ipulixjat il-madum tal-*playing field* jiġi jiswa €6,000. Il-membri ma qablux.

36.5.12 Talba mir-residenti ta' Triq il-Wied fejn talbu li mal-*one way* tat-triq tiżdied *except residents.* Il-membri qablu li ssir talba lil Transport Malta.

36.5.13 Talba għal *double yellow line* fi Triq is-Sajjied peress li l-garaxx jintuża bħala *workshop* u qed jipparkjaw quddiemu. Il-membri ma qablux peress li quddiem garaxx xorta mhux suppost jipparkjaw.

36.5.14 Talba minn residenta fi Triq is-Salini sabiex isir metru *double yellow line* quddiem il-bieb peress li tuża siggu tar-roti. Il-membri qablu.

36.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 25/2021 għall-perjodu ta' Awwissu 2021 li tammonta għal €79,629.85 ġiet approvata u ffirmata mill-membri preżenti.

36.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.30 ta' filgħaxija. Laqgħa oħra tal-Kunsill għandha tiġi diskussa meta ssir aktar il-quddiem peress li mhux il-membri kollha kienu preżenti.

Konfermati, 28/09/2021

Nicky Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv